

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tat-22 ta' Diċembru 2022 – Il-Kummissjoni Ewropea (C-341/21 P) vs KM, Il-Parlament Ewropew, Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (C-357/21 P) vs KM, Il-Kummissjoni Ewropea, Il-Parlament Ewropew

(Kawżi magħquda C-341/21 P u C-357/21 P) (¹)

(Appell – Artikolu 182 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Servizz pubbliku – Pensjoni – Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 20 tal-Anness VIII – Għoti ta' pensjoni tas-superstitioni – Konjuġi superstitioni ta' ex uffiċċjal intitolat għal pensjoni tal-irtirar – Żwieġ iċċelebrat wara t-tmiem tas-servizz ta' dan l-uffiċċjal – Kundizzjoni ta' tul minimu ta' ħames snin taż-żwieġ fid-data tal-mewt tal-uffiċċjal – Artikolu 18 tal-Anness VIII – Żwieġ iċċelebrat qabel it-tmiem tas-servizz tal-uffiċċjal – Kundizzjoni ta' tul minimu taż-żwieġ ta' sena biss – Eċċeżżjoni ta' illegalità tal-Artikolu 20 tal-Anness VIII – Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 20 – Princípiju ta' ugwaljanza fit-trattament – Artikolu 21(1) – Princípiju ta' nondiskriminazzjoni bbażata fuq l-età – Artikolu 52(1) – Assenza ta' distinzjoni arbitrarja jew manifestament inadegwata fid-dawl tal-għan li għandu jintla ħaq mil-leġiżlatur tal-Unjoni Ewropea)

(2023/C 112/15)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

(Kawża C-341/21 P)

Appellant: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentant: T. S. Bohr u B. Mongin, aġenti)

Partijiet oħra fil-proċedura: KM (rappreżentant: M. Müller-Trawinski, Rechtsanwalt), Il-Parlament Ewropew (rappreżentant: J. Van Pottelberge, aġent), Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: M. Alver u M. Bauer, aġenti)

(Kawża C-357/21 P)

Appellant: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: M. Alver u M. Bauer, aġenti)

Partijiet oħra fil-proċedura: KM (rappreżentant: M. Müller-Trawinski, Rechtsanwalt), Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentant: T. S. Bohr u B. Mongin, aġenti), Il-Parlament Ewropew (rappreżentant: J. Van Pottelberge, aġent)

Dispożittiv

- Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-24 ta' Marzu 2021, KM vs Il-Kummissjoni (T-374/20, mhux ippubblikata, EU:T:2021:162), hija annullata.
- Ir-rikors ta' KM fil-Kawża T-374/20 huwa miċħud.
- KM hija kkundannata kemm għall-ispejjeż rispettivi tagħha kif ukoll għal dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea kemm fil-Kawża T-374/20 kif ukoll fil-Kawżi C-341/21 P u C-357/21 P.

4. Il-Parlament Ewropew għandu jbatis l-ispejjeż sostnuti fil-Kawża T-374/20.

(¹) ĠU C 303, 08.08.2022.
ĠU C 310, 02.08.2021.

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tat-22 ta' Diċembru 2022 – Jean-François Jalkh vs
Il-Parlament Ewropew**

(Kawża C-82/22 P) (¹)

(Appell – Artikolu 181 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Dritt istituzzjonali – Membru tal-Parlament Ewropew – Protokoll (Nru 7) dwar il-Privileġġi u l-Immunitatiet tal-Unjoni Ewropea – It-tielet paragrafu tal-Artikolu 9 – Deċiżjoni ta' tneħħija tal-immunità Parlamentari – Appell parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat)

(2023/C 112/16)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellant: Jean-François Jalkh (rappreżentant: F. Wagner, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: A. Dumbrăvan u N. Lorenz, aġenti)

Dispożittiv

1. L-appell huwa miċħud bħala parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat.
2. Jean-François Jalkh huwa kkundannat ibati, minbarra l-ispejjeż rispettivi tiegħu, dawk sostnuti mill-Parlament Ewropew.

(¹) ĠU C 138, 28.3.2022.

Appell ippreżentat fis-6 ta' Awwissu 2022 minn quinoccio-Compañía de Comercio Exterior, SL mid-digriet mogħi mill-Qorti Ġeneral (l-Ewwel Awla) fid-9 ta' Ġunju 2022 fil-Kawża T-493/21, Equinoccio-Compañía de Comercio Exterior vs Il-Kummissjoni

(Kawża C-527/22 P)

(2023/C 112/17)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: Equinoccio-Compañía de Comercio Exterior SL (rappreżentanti: D. Luff, avukat, u R. Sciaudone, avvocato)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea

B'digriet tal-14 ta' Frar 2023, il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) iddeċidiet li l-appell ġie miċħud bħala manifestament infondat u li Equinoccio-Compañía de Comercio Exterior SL għandha tbat l-ispejjeż tagħha.
